MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 66/2005

**Francis Caruana (ID 362064M) u martu Maria Concetta (ID 488968M)**
**vs**
**John Caruana (ID 131661M) u martu Mary Caruana (ID 570665M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00), rapprezentanti bilanc minn somma ta' tlett telef lira (Lm3000.00) mislufa lill-konvenut fis-sena 1998 mill-liema somma thallsu lura biss pagamenti fl-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600.00) u ghalhekk il-konvenut ghad baqaghlu jhallas il-bilanc ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00) liema somma baqghet ma thallsitx nonostante l-interpellazjonijiet legali ta' l-atturi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' Jannar, 2004 (Dok.A) u tal-11 ta' Novembru, 2004 (Dok.B) u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-14 ta' Marzu, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-konvenuti mhumiex debituri tal-atturi ghall-ammont mitlub.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**
**Ra l-kjarifika maghmula mid-difensur tal-konvenuti, fis-seduta tas-27 ta' April, 2005, dwar it-tieni eccezzjoni fis-sens illi l-ammont kien gie mhallas fl-intier tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' John Caruana , Francis Caruana, Mary Caruana, Maria Concetta Caruana u Dr Chris Vella.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob il-bilanc ta' flus allegatament mislufa lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu qed jeccepixxi fl-ewwel lok il-presrizzjoni a tenur tal-Art.2156 (e) tal-Kap.16, u in subsidium il-pagament.**
**2. L-Art.2156(e) jipprovdi li azzjoni dwar self taqa' bit-trapass ta' hames snin. F'dan il-kuntest jigi rilevat li din il-kawza infethet fl-10 ta' Jannar, 2005, u l-allegat self kien sar f'Ottubru 1998. Kienu intbaghtu ittri legali fid-29 ta' Jannar, 2004 u fil-11 ta' Novembru, 2004. L-ammont misluf kien originarjament ta' tliet telef lira (Lm3000). Skond il-konvenut kien sar pagament ta' sitt mitt lira fl-1999. L-istess konvenut jghid li l-ahhar pagament li ghamel kien f'April, 2005. Ghalhekk il-perijodu preskrittiv gie interrott, u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma treggix.**

**3. L-attur jikkonferma li ghall-habta tas-sena 1999 kienu thallsu sitt mitt lira (Lm600.00). Jghid ukoll li f'April, 2004 thallsu elf lira (Lm1000.00) ohra.**

**4. Skond il-konvenut il-qbil kien li ma jkunx hemm imghax fuq is-self. It_tribunal jifhem li l-ftehim sar fuq bazi ta' fiduzja assoluta, in vista tal-fatt li dawn mizzewgin ahwa lill-ahwa. Pero` ma jistghax ma jirrimarkax illi kien dejjem ikun ahjar kieku l-partijiet ghamlu skrittura bejniethom.**

**5. It-Tribunal necessarjament kellu joqghod fuq il-prova tat-tape li gie esebit, mill-liema jirrizulta bic-car li kien ghad hemm bilanc dovut. Ma jirrizultax li kien hemm il-hlas li qed jallegaw il-konvenuti,. Ma gew esebiti ebda ricevuti fir-rigward. Apparti minn dan, id-diskors li sar fit-tape recording, Dok.FC2, jindika bic-car li sa Awissu 2002, data tal-konversazzjoni, kienu thallsu biss sitt mitt lira u hemm referenza cara ghall-bilanc ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2400.00).**

**6. Tenut kont ta' dan jirrizulta li effettivament li jirrizulta huwa li l-konvenuti kienu hallsu lura biss elf u sitt mitt lira miss somma ta' tliet elef lira. Ghalhekk fadal il-bilanc mitlub ta' elf u erba' mitt lira. Ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim dwar imghax. Ghalhekk ma kienx hemm imghax dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00) bl-imghax legali dekoribbli mil-lum sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tad-29 ta' Jannar, 2004 u tal-11 ta' Novembru, 2004 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------